IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 04-2019(02_09_19)**

**2 ta' Settembru 2019**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Damien Spiteri - Sindku
Is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sa Sonja Abela - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Damien Spiteri.

**04.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

04.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva *e-mail* mingħand is-Sa Sonja Abela fejn talbet tkun skużata peress li hija marida u ser tippreżenta ċ-ċertifikat.
Hija ġiet skużata.

**04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

04.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 03-2019(01_08_19) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

---

**04.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

04.3.1 Is-Sindku ta rendikont tal-laqgħat li kellu.
Saret laqgħa mal-Ministru għal Għawdex u s-Sindku attenda wkoll għal-laqgħa tar-Reġjun Għawdex fejn fost affarijiet oħra ġew diskussi l-proposti għall-*budget* ta' din is-sena. Il-Kunsill ressaq il-proposta ta' *Cantilever* fi Triq San Xmun fix-Xlendi, l-estenzjoni tal-Bajja tax-Xlendi u *wreck* fil-baħar tax-Xlendi. Ġie diskuss ukoll sabiex ir-Reġjun jisħaq fuq l-importanza li jiġi kkreat Fond għaż-Żamma u l-Manutenzjoni ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa bil-Fondi tal-Unjoni Ewropea. Saret laqgħa wkoll mal-Kappillan tal-Munxar rigward il-proġetti li għandha l-Parroċċa u li l-Kunsill jista' jgħin fihom taħt l-inizjattiva *Leader*.

Is-Sindku informa lill-Kunsill bl-attivitajiet li kienu saru.
Dawn l-attivitajiet jinkludu:
Fix-Xlendi saret is-seba' edizzjoni tas-*Ceramics Festival* fit-3 ta' Awwissu 2019 kif ukoll sar is-Sunset Festival fis-16 ta' Awwissu 2019. Fil-Festa tax-Xlendi sar ix-*show* spettakulari ta' nar, bil-*confetti* u sinkronizzat mal-mużika.

Is-Sindku informa lill-Kunsill bix-xogħlijiet li kienu saru u li kienu qed isiru fil-lokalità.
Dawn ix-xogħlijiet jinkludu:
Fil-Munxar inbeda x-xogħol ta' żebgħa tat-toroq u nħaslu l-Pjazza tal-Knisja, Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina u l-*playing area* tal-Pjazzetta fi Triq it-12 ta' Diċembru 1957.
Fix-Xlendi nfetħu l-pipijiet, tnaddfet il-bokka ta' fejn il-wied, tneħħew il-bankijiet minħabba x-xita u nbeda t-tindif tal-wied.
Fil-Munxar u Ix-Xlendi tqassmu l-boroż il-griżi li jintużaw għall-ġbir ta' skart riċiklabbli.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal diversi lmenti li kien irċieva.
Dawn l-ilmenti jinkludu:
Saret komunikazzjoni ma' Transport Malta rigward numru ta' lmenti li jinkludu n-numru ta' inċidenti li qed ikun hemm fi Pjazza l-Anfori, ilment li fi Triq ir-Ranċiż hemm numru ta' garaxxijiet li qed jiġu użati bħala appartamenti u li dawn qed ikollhom tabella ta' *reserved parking* mal-bieb tal-garaxx u għalhekk qed jippretendu li ħadd ma jipparkja quddiem tagħhom iżda ġaladarba l-garaxx qed jintuża bħala appartament allura dan ma jistax ikollu tabella tan-*no parking*, ilment li l-ħabel li jagħlaq is-*swimming zone* qed ikun maħlul u lment rigward id-dgħajjes li qed jimblukkaw id-daħla għal mal-moll iż-żgħir fix-Xlendi.
Ġie diskuss sabiex *pot* li qiegħda fi Triq San Xmun titneħħa minn hemm għaliex qiegħda ta' periklu, saret talba sabiex issir is-sistema tad-drenaġġ fi Triq Sant'Anjeże, saret talba sabiex fi Triq Dun Alan Fenech jitkomplew id-*double yellow lines* u ssir mera faċċata tal-garaxx, saret talba sabiex jinżabru s-siġar tal-Pjazza tal-Knisja, saret talba għal *keep clear sign* quddiem il-Knisja tax-Xlendi, saret talba sabiex jiġu pprovduti *skips* quddiem id-Dar Parrokkjali għaliex hemm numru ta' materjal li qed jintrema u li jekk ikun hemm l-i*skip* ikun jista' jitnaddaf, isiru fanali tad-dawl fi Triq il-Qsajjem, jinbena ħajt taħt Triq San Xmun u jsir tindif ta' ħaxix ħażin fil-Bajja tax-Xlendi.

Is-Sindku ressaq diversi proposti.
Dawn il-proposti jinkludu:
Tiġi organizzata *Clean up the World*, tiġi organizzata ħarġa għal Malta f'Settembru 2019, il-Kunsill iħabbar illi ser issir *keep fit session* organizzata mill-Ministeru għal Għawdex fit-18 ta' Settembru 2019 u tiġi organizzata *talk* fuq *nutrition* minn Ms Rosanne Apap għar-residenti tal-lokalità fit-28 ta' Settembru 2019 fil-5:00 ta' filgħaxija fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Munxar minħabba li jrid ikun ipprovdut *projector* u din ser tkun bla ħlas.

**04.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

04.4.1 Is-Sa Carmela Parnis fakkret lill-Kunsill li tal-GO plc għadhom ma ġewx isewwu l-bieba tat-*telephone box* u *wire* mdendel fi Triq Żgħawri.
Hija talbet li fil-wied ta' Triq San Pawl jinqata' l-ħaxix ħażin u talbet *double yellow line* quddiem *garage* fi Triq Ta' Marżiena. Talbet ukoll sabiex issir mera quddiem iz-zuntier tal-Knisja u jitnaddfu l-*culverts*.

04.4.2 Is-Sur Mark Busuttil ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar id-*double yellow line* li għadu kemm sar mill-Kunsill fi Triq il-Puniċi, Ix-Xlendi. Għandu jiġi kkunsidrat jekk isirux tabelli bil-ħinijiet. Informa lill-Kunsill li l-*fairway* ta' ġol-baħar fix-Xlendi qed isir diffiċli u nitolbu lil Malta Maritime Authority jintervienu. Qed jirċievi wkoll ilmenti dwar ħmieġ fix-Xlendi. Huwa talab lill-Kunsill jerġa' jitlob sabiex il-Bruk tal-Pjazzetta ta' Triq San Xmun jerġa' jinżabar peress li wara li nżabar m'ilux, is-siġar kibru aktar.

04.4.3 Is-Sur Joseph Cauchi semma wkoll is-siġar tal-Bruk tal-Pjazzetta ta' Triq San Xmun peress li qed jinġabar ħafna ħmieġ madwarhom. Huwa ssuġġerixxa li jinżabru sew u jitnaddaf madwar dawn is-siġar.

**04.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

04.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għad-*double yellow lines* li saru mill-Kunsill fi Triq il-Puniċi, Ix-Xlendi. Ir-residenti qed jitolbu sabiex filgħaxijiet u l-Ħdud u festi meta ma jsirx xogħol mill-kuntrattur ikun faċilment jista' jsir *parking*. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonsulta ma' Transport Malta u kkonferma li tista' ssir tabella biex ma jipparkjawx mit-Tnejn sas-Sibt mis-7:00 ta' filgħodu sas-7:00 ta' filgħaxija u s-sinjal l-isfar ser jitneħħa. Kien hemm qbil dwar dan.

04.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva stima sabiex jinxtraw żewġ *stainless steel ashguard cigarette bins*. Il-prezz huwa ta' €437.78 VAT inkluż kull wieħed. Ġie deċiż li jinxtraw tnejn.

04.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar stimi sabiex jinxtraw *planters* bil-bank u mingħajr bank.
Ġie deċiż li jinxtraw tnejn bil-bank magħhom u tnejn mingħajr bank.
Il-prezz tal-*planters* bil-bank magħhom huwa ta' €2,478.00 VAT inkluż kull wieħed. Il-Kunsill irid jara li ma tinqabesx it-*threshold* ta' €5,000 *net of VAT* f'sena.

04.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar stimi sabiex is-sistema tal-*IT* tal-Kunsill tiġi *upgraded* u nkunu nistgħu nagħtu s-servizzi kollha lir-residenti mis-sular t'isfel. Għall-ewwel darba d-*data* kollha tal-Kunsill ser tkun tista' tinġabar f'*NAS drive* li ser tiswa €479.00 VAT inkluż. Ser tinxtara *tower computer system* li tinkludi l-*monitor* u *upgrades* għas-somma ta' €1,042.00 VAT inkluż. Il-prezz għall-installazzjoni hija ta' €23.60 kull siegħa li tinkludi l-VAT. Kien hemm qbil dwar dan.

**04.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

04.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 14A/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali li huwa *Corrigendum* għal Ċirkulari 14/2019.

04.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 15/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Riforma Gvern Lokali – Emenda fir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi) – Sistema tal-*Petty Cash'*.

04.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 16/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Riforma Gvern Lokali – Tħassir tar-Regolamenti dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet'.

04.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 17/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Komunitajiet'.

04.6.5 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali d-dokument 'Rapport mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali b'reazzjoni għar-Rapport maħruġ mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali rigward l-evalwazzjoni tal-iskema tal-ħaddiema mal-CWSEF', datat 18 ta' Lulju 2019.

04.6.6 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministry for European Affairs and Equality, Parliamentary Secretariat for European Funds and Social Dialogue rigward 'Training on Common Errors in Public Procurement and Determining Financial Corrections for Non-Compliance with EU Regulations on Public Procurement' fis-17 ta' Settembru / 24 ta' Settembru / 15 ta' Ottubru 2019 f'The Victoria Hotel - Sliema.

04.6.7 Il-Kunsill irċieva *e-mail* maħruġa mid-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward 'Tibdil fil-Kulur taż-Żebgħa tal-Art ta' *Pelican Pedestrian Crossings* u *Zebra Pedestrian Crossings*'. Ġie spjegat dwar kif il-Kunsilli Lokali għandhom iressqu t-talbiet tagħhom u dwar obbligazzjonijiet oħrajn.

04.6.8 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-EU Affairs fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward 'Drawing Competition – 25th Anniversary of the EEA and Norway Grants'. Din il-kompetizzjoni hija għal żgħażagħ ta' bejn it-12 u s-16-il sena. Il-Kunsill intalab sabiex jgħin fil-promozzjoni għal din l-inizjattiva billi jwaħħal il-*poster attached* fin-*noticeboard/social media pages* tal-Kunsill.

04.6.9 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-*Campaign Officer* tal-Proġett INK fi ħdan l-Aġenzija Sapport. Dan il-proġett huwa mmirat sabiex jassisti persuni b'diżabilità jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Il-proġett joffri sessjonijiet ta' taħriġ b'xejn mhux biss lill-persuni b'diżabilità iżda anke l-ġenituri/kuraturi tagħhom, professjonisti fl-istess qasam u min iħaddem. Il-Kunsill intalab sabiex iwaħħal il-*poster* mehmuż fin-*noticeboard* tal-Kunsill u b'hekk dan iservi ta' għajnuna kbira sabiex jintlaħqu persuni li jistgħu jibbenifikaw.

04.6.10 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex kopja tal-ittri li huwa bagħat lid-Direttur Ġenerali, Dipartiment għall-Gvern Lokali u oħra lill-Ministru tal-Finanzi bis-suġġett 'Proposti Baġit 2020'.

04.6.11 Il-Kunsill irċieva mingħand in-National Audit Office Malta d-Dokument 'Joint Audit: An Evaluation of the Community Work Scheme - June 2019'.

04.6.12 Il-Kunsill irċieva mandat għat-taħrik ta' xhieda dwar każ li ser jinstema fil-Qorti ta' Malta. Il-Kunsill irid jixhed dwar il-fatt li Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi tingħalaq għall-vetturi kif ukoll dwar il-fatt li r-ristoranti kollha fix-Xlendi għandhom *canopy* quddiem ir-ristorant rispettiv tagħhom.

04.6.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-President ta' TriGozo dwar *event* li ser isir fix-Xlendi fit-2 ta' Mejju 2020. Dan jikkonsisti f'għawm fil-baħar, ġiri u *cycling*. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

04.6.14 Il-Kunsill irċieva Direttiva numru 3/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport) dwar '*Contracts Managers'*. Is-servizz ta' *Contracts Manager* għandu jibda jopera mill-aktar fis possibbli wara li jkunu saru l-proċessi kollha skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku u l-Linji Gwida dwar l-Akkwisti mill-Kunsilli Lokali iżda mhux aktar tard mit-Tlieta, 31 ta' Diċembru 2019.

04.6.15 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċjal Inkarigat mir-Reġistru tad-Donaturi tal-Organi u Tessuti Umani. Qed jinħass il-bżonn li l-formoli biex wieħed jirreġistra x-xewqa tiegħu f'dan ir-rigward ikunu disponibbli f'kull Kunsill Lokali. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

04.6.16 Il-Kunsill qed jintalab mingħand it-Traffic Management & Road Safety Department rapport rigward *reserved parking bay* fi Triq Munxar. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li r-*reserved parking* isir quddiem il-proprjetà tal-persuna li tkun għamlet it-talba.

04.6.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq it-Torri, Ix-Xlendi fejn qed jilmenta dwar *caravan* abbandunat f'*area* privata 'l ġewwa minn Triq il-Kantra. Is-Sindku kien ser jerġa' jkellem lill-Pulizija.

04.6.18 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL) sabiex tinnomina persuna li jista' jkun impjegat jew Kunsillier. Din il-persuna ser tkun il-persuna responsabbli mill-komunikazzjoni kemm interna kif ukoll esterna tal-Kunsill Lokali. Il-ħin allokat għal dan jiddependi mid-daqs u l-ħtiġijiet tal-lokalità u kemm il-Kunsill Lokali jixtieq jinvesti fil-komunikazzjoni mar-resident. Bħala Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali l-intenzjoni tagħhom hija li joffru viżjoni, direzzjoni, gwida u mezz ta' interazzjoni biex jassistu għall-kollaborazzjoni fuq inizjattivi bejn numru ta' Kunsilli Lokali, *stakeholders* u l-pubbliku inġenerali.

Il-pjan huwa li jsiru laqgħat regolari kull kwart tas-sena, kull sitt xhur isir *seminar* u darba f'sena jsir *workshop*. Bħalissa, l-Assoċjazzjoni qiegħda fil-proċess li tibni tim intern li ser ikun qed jaħdem fuq l-istess suġġett. Apparti minn hekk, dan it-tim ser ikun ta' assistenza kontinwa għall-membri innominati minn kull Kunsill Lokali/Reġjun fuq dan is-suġġett. Dawn il-laqgħat ser ikunu pjanati li jsiru bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa u waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju. Minkejja dan, l-AKL tibqa' disponibbli għat-tibdil li jkun hemm bżonn fil-pjanijiet ta' dan it-taħriġ ladarba jkun hemm qbil bejn il-persuni kollha innominati.

Ir-rekwiżiti bażiċi huma dawk tal-għarfien ġenerali u bażiku ta' kif wieħed jikkomunika kemm verbalment kif ukoll miktub fuq il-*media* soċjali. Ir-rekwiżiti l-oħrajn huma bħala gwida ta' xi jkun ta' benefiċċju li wieħed ikollu.

Ix-xogħol involut huwa dak rikjest sabiex jinżamm livell ta' komunikazzjoni tajjeb mar-residenti. Minkejja li mhux ser ikun hemm responsabbiltà addizzjonali, min ikun nominat ser jingħata taħriġ li permezz tiegħu ser ikompli jkabbar l-għarfien tiegħu fis-settur, kemm jekk hu impjegat kif ukoll jekk ikun Kunsillier.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-*Masters* huwa studja l-*Marketing* u għalhekk huwa jkun adatt għal din il-kariga. Kien hemm qbil dwar dan.

04.6.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport) fejn qed jibgħat linji gwida ta' kif Kunsill Lokali jista' jipproponi isem jew bdil ta' isem ta' triq u l-proċedura kollha kif għandha ssir. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

04.6.20 Il-Kunsill irċieva lment dwar ħmieġ fit-tarf ta' Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi. Ilmenta wkoll dwar *trailers* tad-dgħajjes li qed jitpoġġew f'din il-parti tat-triq. Il-Kunsill kien diġà ħa l-passi meħtieġa dwar dan l-ilment.

04.6.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Transport Malta fejn talab il-kummenti tal-Kunsill wara li saret talba minn sid ta' proprjetà fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi sabiex issir *road hump* quddiem il-*garage* biex it-traffiku jnaqqas l-i*speed* għal meta jkunu qed joħorġu l-karozza mill-*garage*. Peress li kull fejn saru *road humps* dejjem kienu ta' inkonvenjent lir-residenti, il-Kunsill ma huwiex jaqbel ma' din it-talba.

04.6.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Uffiċjal Legali tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn talbu aktar informazzjoni dwar il-każ tal-papri fil-Bajja tax-Xlendi. F'dan il-każ kien imdaħħal ukoll l-*Ombudsman*. Il-Kunsill għadda l-korrispondenza kollha.

04.6.23 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva lment dwar il-ħmieġ tal-ħamiem li qed ikun hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja. Il-Kunsill diġà identifika din il-problema u ressaqha lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

**04.7 Il-laqgħa li saret mal-Ministru għal Għawdex**

04.7.1 Is-Sindku ta rendikont tal-laqgħa li saret mal-Ministru għal Għawdex.

Ġie diskuss il-*Masterplan* tax-Xlendi fejn waqt il-laqgħa l-Ministru spjegat ix-xogħol li ser ikun qed isir fix-xhur li ġejjin in konnessjoni mal-*Masterplan* tax-Xlendi. Il-Ministru spjegat kif il-*Masterplan* tax-Xlendi beda jiġi implimentat xhur ilu permezz tar-restawr li sar lill-*boathouses* eżistenti fi Pjazza l-Anfori kif ukoll bix-xogħlijiet fuq ir-riġenerazzjoni tad-*dry standing area*. Fix-xhur li ġejjin qed jiġi ppjanat li jitkompla x-xogħol fuq iż-żona tal-parkeġġ.

Is-Sindku qajjem numru ta' punti u lmenti li ressqu xi residenti u għalhekk ġew diskussi u tressqu lill-Ministru għall-kunsiderazzjoni. Dawn kienu jinkludu l-fatt li l-*owners* tal-*boathouses* qed jilmentaw li t-triq kif proposta ser tgħaddi wisq viċin tal-*boathouses* tagħhom u għaldaqstant qed jilmentaw li dan ser ixekkel l-użu tal-*boathouses*, il-fatt li ser jinqalgħu numru konsiderevoli ta' siġar, il-problema tal-iskart kummerċjali u l-problema tal-għargħar kif ukoll tas-sistema tad-drenaġġ fix-Xlendi.

Il-Ministru infurmat lill-Kunsill li x-xogħol fuq it-tindif tal-Wied tax-Xlendi kien wasal sabiex jibda. Il-Kunsill talab l-għajnuna lill-Ministru sabiex isir monument fil-Munxar f'ġieħ il-Professur Ġużè Aquilina u ġie maqbul li jsir kuntatt mal-Uffiċjal Inkarigat mill-Kultura sabiex isiru diskussjonijiet bejn il-Kunsill u l-Ministeru għal Għawdex f'dan ir-rigward. Il-Kunsill talab l-għajnuna lill-Ministru sabiex jekk hu possibbli tgħin fit-tkomplija tal-proġett tal-Pjazza tal-Knisja fejn ġie maqbul li l-Kunsill jipprovdi aktar dokumentazzjoni tal-proġett sabiex il-Ministeru jkun jista' jgħin f'dan il-proġett. Issemma wkoll il-fatt li fi Triq il-Qsajjem hemm numru ta' ħitan tas-sejjieħ imwaqqa' u dwar dan il-Ministru talbet xi dokumentazzjoni u saħqet li dawn il-ħitan jistgħu jinbnew mill-ħaddiema tal-Ministeru. Issemma wkoll il-punt rigward il-bżonn ta' żbir ta' numru ta' Palm fil-lokalità fejn il-Kunsill ser jagħmel talba sabiex dawn jinżabru bl-għajnuna tad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Ġie diskuss ukoll dwar iż-żieda fil-ġbir ta' skart organiku.

**04.8 Il-ħaddiema tal-CWSEF**

04.8.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li l-ħaddiem li kienet assenjata mal-Kunsill u tagħmel doveri ta' *Receptionist*/Messaġġiera kienet irriżenjat mill-iskema fuq raġunijiet ta' saħħa. Il-Kunsill issa qed jaħdem sabiex jorganizza l-kumplament tal-ħaddiema sabiex aktar 'il quddiem jiġu provduti b'għodda adekwata u vettura.

**04.9 Fondi għall-attivitajiet u inizjattivi kulturali u soċjali mill-Aġenzija LESA**

04.9.1 L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali nediet skema sabiex jingħataw fondi għall-Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali u Soċjali. Il-fondi ser ikunu ffinanzjati mill-Aġenzija LESA.
Il-proposti eleġibbli għandhom ikunu innovattivi u li jtejbu faċilità eżistenti. Dawn għandhom jikkonsidraw l-Ambjent, is-Sostenibbiltà u l-Integrazzjoni. Is-Sindku ħeġġeġ lill-membri tal-Kunsill sabiex għal-laqgħa oħra jiġu bi proposti sabiex inkunu nistgħu nipparteċipaw f'din l-iskema.

**04.10 Fondi mid-*Development Planning Fund***

04.10.1 Il-Kunsill irċieva konferma mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar li fondi għad-dispożizzjoni tal-Kunsill mid-Development Planning Fund hemm €80,496.45 għall-Munxar u €201,262.96 għax-Xlendi.
Ġie deċiż li proġetti fix-Xlendi hemm il-*Cantilever* ta' Triq San Xmun, l-aċċess għat-Torri tax-Xlendi u l-passaġġ tal-Għar ta' Karolina.
Proġetti fil-Munxar hemm it-tkomplija tal-*embellishment* tal-Pjazza tal-Knisja.

**04.11 Xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-Lokalità**

04.11.1 Il-Kunsill għadu għaddej bil-programm ta' manutenzjoni ta' bankini, toroq, tabelli, ħitan tas-sejjieħ, Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina u *open spaces*. Dan ix-xogħol qed isir mill-ħaddiema tal-iskema u minn ħaddiema tas-CMU. Ġie deċiż li l-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti għal servizz ta' manutenzjoni.

Il-ħin kien it-8.25 ta' filgħaxija u s-Sur Joseph Cauchi talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**04.12 Il-Proġett tal-Pjazza tal-Knisja**

04.12.1 It-tkomplija tal-Pjazza tal-Knisja hija prijorità assoluta tal-Kunsill. F'laqgħa li saret mal-Ministru għal Għawdex hija wegħdet li l-Ministeru ser jagħmel ix-xogħol u l-Kunsill irid jipprovdi l-*Bill of Quantities* tax-xogħlijiet. Diġà ġie kkuntattjat il-Perit Samuel Formosa biex issir laqgħa ħalli jieħu ħsieb il-permessi l-ġodda.

**04.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

04.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 04-2019(02_09_19) li tkopri l-perjodu mit-2 ta' Awwissu 2019 sal-31 ta' Awwissu 2019 għall-ammont totali ta' €20,339.11 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kien is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier u s-Sekondat kienet is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**04.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

04.14.1 Il-laqgħa aġġornat fid-8:45 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 1 ta' Ottubru 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 05-2019(01_10_19) li nżammet nhar it-Tlieta, 1 ta' Ottubru 2019.

**IFFIRMATA**

Damien Spiteri
Sindku